

L-Artikolu 10 – Informazzjoni dwar il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti

Skont l-Artikolu 14(2) tal-Att dwar il-Medjazzjoni fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali (Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja Nru 56/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008), il-partijiet jistgħu jaqblu li l-ftehim li jsolvi tilwima jieħu l-forma ta' reġistrazzjoni notarili immedjatament infurzabbli, ta' ftehim fil-qorti jew ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ ibbażata fuq ftehim.

1. Il-preparazzjoni ta' reġistrazzjoni notarili immedjatament infurzabbli:

In-nutara huma responsabbli mill-preparazzjoni tar-reġistrazzjoni notarili immedjatament infurzabbli (l-Artikoli 2 u 3 tal-Att dwar in-Nutara, Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja Nru 2/2007 – it-tielet verżjoni uffiċjali kkonsolidata, b'emendi sussegwenti fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 33/2007 u Nru 45/2008). Tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar in-nutara mill-Kamra tan-Nutara Slovena ([Notarska zbornica Slovenije](#)).

L-aħħar aġġornament: 30/01/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.